L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 29 ta' Awissu, 2003

**Zewg ucuh, munita wahda!**

L-artiklu tieghi tal-gimgha l-ohra donnu qajjem interess kbir iktar milli minn semplici qarrejja anke minn partijiet koncernati u li ghandu jkollhom interess fil-pozizzjoni tal-haddiema f'Malta. Però, *e-mail* interessanti rcevejtu minn Malti li jghix u jahdem l-Ingilterra. U rrispondejtu. Bla dubju ta' xejn suggett bhal dan iqanqal interess.

Illum però, xtaq li nhares lejn il-wicc l-iehor tal-munita Ewropea – u shubija shiha xi tfisser ghall-haddiema mhux dawk Maltin, din id-darba, izda dak ta' l-Ewropa tal-Lvant. Nistenna li nigi akkuzata li qieghda nitkellem wisq dwar haddiema u xoghol, dawn l-ahhar tliet gimghat, izda wara kollox, hemmhekk nintebhu kemm jiena ghandi principji li fil-Partit tal-Haddiema biss jistghu jigu sfruttati!

Zewg artikli ilu, kont ktibt, kif Malta spiccat fl-aghar post tal-klassifika f'nofs sandwicc ekonomiku, fi kliem iehor, fejn il-Maltin huma wisq foqra biex jixtru dar u jmorru jahdmu u joqoghdu f'pajjizi tal-Punent ta' l-Unjoni u wisq sinjuri biex jaccettaw pagi baxxi li hemm fil-pajjizi tal-Lvant ta' l-Unjoni. Min-naha l-ohra, ghal persuni mill-Punent ta' l-Unjoni, Malta tibqa' attraenti ghax ghalkemm irhisa, l-pagi m'humiex daqhekk baxxi u, ghal persuni tal-Lvant ta' l-Unjoni, huma attraenti, ghax dak li jista' joffri l-*employer* Malti huwa dinja!

Il-Gimgha l-ohra, mbaghad ktibt kif il-Gvern ta' Malta ddecieda li jaghti kemm jiflah permessi lil dawn it-tip ta' barranin biex jahdmu f'Malta u, fl-istes hin, jaghti permess lill-imprenditur johrog b'irhas ghax ihaddem il-barranin b'inqas paga u b'kundizzjonijiet inqas tajbin.

Forsi wiehed jista' jahseb li jien jista' jkolli xi haga kontra dawn in-nies jew kontra li jigu jahdmu Malta. U ghalhekk xtaqt nikkumenta dwar kif fil-fatt il-munita ghandha zewgt ucuh u, f'dan il-kaz, l-ebda wicc m'huwa sabih. Fi kliem iehor, ghalkemm is-sitwazzjoni tista' tidher negattiva ghall-Maltin, daqshekk iehor hija negattiva ghall-barranin li qeghdin jehdulhom xogholhom. Fil-fatt jekk jiggwadanjaw il-Maltin maghhom, ghada pitghada se jiggwadanjaw il-barranin.

Jiddispjacini hafna ghac-cittadini tal-pajjizi tal-Lvant ta' l-Ewropa – pajjizi Slavonici li ghaddew minn stejjer imdemmija u li ghal zmenijiet twal ghexu fi gwerer u opressjonijiet – li d-dinja li qieghda toffrilhom l-Unjoni hija wahda mzejna bi kliem ta' "*two-speed Europe*", "*Core Europe versus Ewropa*" ohra minghajr isem (forsi "*Non-Core Europe*"?) "*enhanced cooperation versus Ewropa*" ohra wkoll minghajr isem (forsi "*reduced cooperation*"?) flok ma nghiduha a la antika "*second class Europe*". Ghax wara kollox, xi hadd gharef, xi darba, staqsa "*What's in a name?*", izda fil-politika l-ismijiet idahhlu hafna nies fl-ixkora – u tant huma moda – issa, anke mizbla, bdilnielha l-isem, u sirna nsejhulha *landfill*. Idea tajba li ssejjah il-pajjiz digà membri "*core Europe*" ghax qieghda teskludi lill-ohrajn bil-pulit. Jiddispjacini wkoll b'solidarjetà ghax ahna ninsabu fl-istess keffa maghhom.

Fil-fatt is-sitwazzjoni kif inhi probabbilment iktar se titfa' d-dinja tax-xoghol Ewropea lura milli l quddiem. Jekk niehdu l-kaz ta' Malta – kif ghedt il-gimgha l-ohra – il-pagi se jibqhu baxxi (ma nsemmux ukoll il-kontroversja li qamet ftit wara l-elezzjon dwar il-*minimum wage* u li isssa donnha sparixxiet) – ghax min ihaddem jekk ma jibdiex jinqeda bil-Maltin jibda jinqeda bil-barranin. Izda fuq il-wicc l-iehor tal-munita, dawn it-tip ta' barranin mhux qeghdin jigu mmanipulati u sfruttati? Billi qeghdin jinghataw access ghal pajjizi ohra u ghal postijiet tax-xoghol fihom, mhux access ghal iktar *cheap labour* qeghdin jinghataw? U x'rispett huwa dan li ghandek barrani Sloven, Slovakk, Cek, Estonjan, Latvjan jew Litwanjan, u qieghed thaddmu ghax jahdimlek b'irhas? U, hafna drabi, dan ma jkunx bizzjjed, hafna drabi, l-paga hazina tkun akkumpanjata b'xi naqra

abbuz: xoghol fix-xmux; fid-dlamijiet; fit-trabijiet, u b'periklu ghal hajja, jew ghal sighat twal, jew minghajr *leave*? Ghal li jista' jkun il-"*Conditions of Employment Regulations Act*" ghadu parti mil-ligijiet Maltin (bla ebda offiza ghat-trejdjunjons)? U ghal min se jibda japplika? Japplika ghal dawk li ghalkemm m'ghandhomx dritt ghandhom permess jahdmu Malta? Ghax jekk ghal dak li jahdem f'pajjizna bla permess nistghu nghidu li kwazi qieghed jikkonsentixxi ghal trattament ta' kundizzjonijiet infejuri – x'se nghidu ghal dak li m'ghandux drittijiet imma ghandu permess? U jekk il-ligijiet kollha ta' Malta japplikaw ghal dak li ghandu permess jahdem Malta u, fil-fatt, suppost li dan qatt ma jithallas inqas mill-*minimum wage* m'huwiex xorta disrispett lejn dawn in-nazzjonalitajiet jekk min ihaddem qieghed juza lilhom biex izomm il-pagi baxxi?

U jekk xi hadd jghidli li qieghda nghid hazin nisfida lil dan ix-xi hadd, hu min hu – flok ma jiggieled biex inehhi l-*minimum wage*; jiggieled biex jghollilha, ghax l-isfruttar tal-haddiem barrani f'Malta, zgur li lahaq il-quccata tieghu. Bejn haddiema bil-permess, bla permess, mill-Ewropa, mill-Afrika Centrali u, min jaf minn liema rokna ohra tad-dinja – xoghol l-imprenditur Malti sar biss li jaghzel bejn dak li joqghod ghal kollox u l-haddiem li jippretendi paga xierqa. Fi kliem iehor: jew tkun miskin tahdem, jew tgholli rasek u ma ssibx xoghol!

Jiddispjacini nghid hekk dwar min ihaddem, imma donnu jidher li huwa kuntent u li ma tantx ghandu aptit jikkummenta. Haga ta' l-iskantament kif, ghalkemm, kemm-il darba semmejt lill-haddiema qatt ma rcevejt xejn minghand min ihaddem. Dan ghaliex? Possibbli m'ghandux difiza dan? Hafna drabi fil-politika kulhadd johrog b'argument biex jirribatti iehor. Nixtieq, xi darba, forsi nircievi xi haga mill-*Malta Employers Association*, per ezempju! Din, ghax qatt ma tirrispondi ghall-artikli tieghi? Jien naf b'okkazjoni wahda fejn il-politika, bniedem ma jirrispondikx u ma jizvelax ir-ragunijiet, ghaliex certi fenomeni jkunu qeghdin jigru, ghax jekk jirrispondik, ikun qieghed iniggez! Ghal li jista' jkun biex tiggustifika l-ammont ta' barranin li jahdmu Malta, l-*Employers' Association* ikollha tikxef il-borom u tghid li jekk ma jkunux dawn l-istess haddiema barranin l-ekonomija tikkrolla?

Il-qasam tax-xoghol Malti, sar qasam xejn produttiv. Qasam li qieghed jipprova johrog bl-irhis. Ma nafx dan tistax issejjahlu progress jew regress, u m'hemmx bzonn tkun iggradwat Harvard biex tiddeciedi! Min-naha wahda tal-munita ghandek il-Maltin li mdorrijin b'certi pagi u kundizzjonijiet li johorgu jfittxu x-xoghol, u jsibu li dawn il-pagi u kundizzjonijiet spiccaw u, min-naha l-ohra, ghandek il-barranin ferhanin li qeghdin ilaqtu l-aghar pagi f'pajjizi li mhux taghhom. Ma tahsbux li ghandu jkollna certa responsabbiltà morali lejn iz-zewg nahat?

**Iktar siti storici**

It-tempji megalitici spiss ikunu f'nofs kontroversja socjo-politika Maltija. Nghid ghalija kwalunkwe girfa li tithazzez fuqhom tithazzez fuq qalbi bhala Maltija, ghax il-Mulej taghni d-don naghraf tempju minn borg gebel. Bhalissa kullhad jitkellem dwar Hagar Qim u l-Imnajdra, izda dawn m'humiex l-unici tempji li ghandna f'Malta. Kostitwent mill-Imgarr li ghandu ghelieqi hdejn il-Banjijiet Rumani gewwa Ghajn Tuffieha qalli li dawn il-Banjijiet ilhom maghluqin xi hames snin.

Kont digà ktibt dwarhom fil-fatt. Kien hemm xi hadd jiftahhom u jiehu hsiebhom, u f'daqqa wahda l-Gvern ddecieda li m'ghandux ihallih hemmhekk. Dan il-bidwi qalli, li sal-lum il-gurnata, kuljum jigu ghadd ta' turisti biex jaraw il-Banjijiet Rumani u, kull darba jkollu, b'misthija, joqghod jispjegalhom li huma maghluqin. Ghallinqas dan il-bidwi, habib tieghi, ghad baqaghlu zejt f'wiccu – ara l-Gvern, dak qatt ma jisthi minn xejn!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*